



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.4.2018
SWD(2018) 87 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati
mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol**

{COM(2018) 171 final} - {SWD(2018) 88 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar Proposta ulterjuri biex jiġu emendati l-Annessi tad-Direttiva 2004/37/KE dwar il-Karċinoġeni u l-Mutaġeni.
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?
L-espożizzjoni għall-karċinoġeni u għall-mutaġeni fil-post tax-xogħol tista' tikkawża l-kanċer, li huwa l-problema ewlenija tas-saħħa relatata max-xogħol fl-EU-28, kif ukoll problemi tas-saħħa sinifikanti oħra li mhumiex kanċer. Sabiex tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-ħaddiema mit-tali riskji, l-UE adottat id-Direttiva 2004/37/KE dwar il-Karċinoġeni u l-Mutaġeni (CMD). Din tistipula rekwiżiti f'dan il-qasam biex tiġi eliminata jew titnaqqas l-espożizzjoni, inklużi l-valuri limitu ta' espożizzjoni okkupazzjonali (OELs). Madankollu, is-CMD trid tiġi aġġornata regolarment fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluża d-dejta xjentifika u teknika. Ġew proposti żewġ proposti leġislattivi li jaġġornaw is-CMD - COM(2016)248 u COM(2017)11, li flimkien jindirizzaw 20 karċinoġenu. L-ewwel emenda diġà ġiet adottata mill-koleġislaturi - id-Direttiva (UE) 2017/2398. Din il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja t-tielet proposta tkopri ħames aġenti kimiċi oħra li għalihom huma esposti madwar 1 000 000 ħaddiem fil-post tax-xogħol tagħhom.
X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?
Din l-inizjattiva għandha tliet għanijiet: <ul style="list-style-type: none"> • Li titnaqqas l-espożizzjoni okkupazzjonali għall-karċinoġeni u għall-mutaġeni fl-Unjoni Ewropea; • Li tizzied l-effettività tal-qafas tal-UE billi jiġi aġġornat fuq il-bażi tal-għarfien espert xjentifiku; • Li tinkiseb protezzjoni tal-ħaddiema aktar ibbilanċjata fl-UE kollha kontra l-karċinoġeni filwaqt li tiġi żgurata aktar ċarezza u kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi ekonomiċi.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?
L-istabbiliment ta' OELs ġodda jew ir-reviżjoni ta' dawk eżistenti fl-Anness III tad-Direttiva se jipprovdu aktar ċarezza għal min iħaddem u għall-infurzaturi, u b'hekk jiġu ffaċilitati u jitjiebu l-konformità u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tas-CMD, u b'hekk il-protezzjoni tal-ħaddiema. Billi tbaxxi l-OELs nazzjonali eżistenti u tneħħi d-diskrepanzi tal-OELs nazzjonali mhux eżistenti, l-azzjoni tal-UE tista' tikkontribwixxi biex issaħħaħ aktar il-bażi minima ta' protezzjoni għall-ħaddiema kollha tal-UE f'dan il-qasam u biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi fost in-negozji tal-UE. L-azzjoni li tittieħed mill-Istati Membri waħedhom ma tistax tindirizza dan it-tfassib, u għaldaqstant, biex jintlaħaq dan l-għan, jidher li hemm il-ħtieġa ta' azzjoni fil-livell tal-UE u bi qbil mal-Artikolu 5(3) tat-TUE.

B. Soluzzjonijiet
X'għażliet ta' politika leġislattivi u mhux leġislattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?
Ġew identifikati u skartati għadd ta' għażliet għall-karċinoġeni koperti. Pereżempju, il-projbizzjoni tagħhom mill-post tax-xogħol tqieset sproporzjonata u d-dipendenza fuq gwida mhux leġislattiva jew fuq l-awto-regolamentazzjoni ma tikkontribwix b'mod sostanzjali biex jissolvew il-problemi identifikati. Il-proposti għall-għażliet leġislattivi fir-rigward ta' ħames karċinoġeni (OELs fl-Anness III) kienu bbażati fuq ir-riżultati tad-diskussjonijiet ma' xjenzati, ma' min iħaddem, mal-ħaddiema u mar-rappreżentanti tal-Istati Membri. Għall-maġġoranza tal-karċinoġeni ġew analizzati wkoll għażliet aktar stretti u inqas stretti. Fil-każijiet rilevanti, l-alternattivi magħżula huma meqjusa bħala kumplimentari mal-miżuri eżistenti tar-REACH u jżidu l-valur tagħhom. Iċ-ċertezza legali għall-partijiet ikkonċernati tista' tinkiseb l-aħjar permezz ta' elenkar ċar tal-aġenti kimiċi skont is-CMD flimkien mal-OELs li jippermetti l-ġestjoni tar-riskju tal-espożizzjoni okkupazzjonali għall-karċinoġeni kimiċi.
Liema għażla u min jappoġġaha?
Is-Sħab Soċjali u l-Istati Membri, irrapreżentati fil-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, jappoġġaw l-alternattivi magħżula kollha. Biex jittaffew l-isfidi tekniċi jew ekonomiċi għal min iħaddem, huma previsti perjodi tranżitorji għaż-żewġ gruppi ta' sustanzi (il-kadmju u l-komposti inorganiċi tiegħu, il-berillju u l-komposti inorganiċi tal-berillju) għas-setturi kollha, u perjodu għal grupp ta' sustanzi wieħed (l-aċidu tal-arseniku u l-imluħ tiegħu, il-komposti inorganiċi tal-arseniku) għas-setturi tat-tidwib tar-ram.



C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta?

Il-benefiċċji tal-għażla ppreferuta se jikkonsistu fil-protezzjoni miżjuda għal aktar minn 1 000 000 ħaddiem tal-UE u fil-prevenzjoni ta' aktar minn 22 000 każ ta' mard relatat max-xogħol.

Għalhekk, se twassal għal kwalità ta' ħajja aħjar għall-ħaddiema u l-familji tagħhom, u tnaqqis tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa individwali diretti u indiretti. Is-sistemi tas-sigurtà soċjali se jibbenefikaw minn tnaqqis fl-ispejjeż tat-trattament u tnaqqis fin-nefqa assoċjata ma' waqfien mill-attività/irtirar kmieni u kumpens għall-mard okkupazzjonali. Dawk li jħaddmu x'aktarx jibbenefikaw minn tnaqqis tal-assenteiżmu u telf tal-produttività. Fl-aħħar nett iżda mhux inqas fl-importanza, l-istabbiliment tal-OELs tal-UE se jtejjeb iċ-ċarezza għal min iħaddem u għall-infurzaturi.

Studju li twettaq f'isem il-Kummissjoni juri li l-akbar benefiċċji mistennija għall-partijiet ikkonċernati differenti huma dawn li ġejjin: għall-ħaddiema EUR 1 sa 5 biljuni, kif ukoll EUR 181 miljun għall-amministraturi, mill-introduzzjoni ta' OEL għall-formaldeid; u għan-negozji EUR 15-il miljun mill-introduzzjoni ta' OEL għall-berillju.

X'inhuma l-ispejjeż tal-għażla ppreferuta?

Għal xi karċinoġeni, l-alternattiva magħżula se tinvolvi spejjeż operattivi għall-intrapriżi li se jkollhom idañhlu fis-seħħ miżuri preventivi u protettivi addizzjonali. B'mod partikolari dan se jkun il-każ għall-formaldeid u għall-kadmju u l-komposti inorganiċi tiegħu, fejn l-ispejjeż totali għall-industrija tal-alternattiva magħżula fuq perjodu ta' 60 sena huma stmati li jilħqu EUR 1,72 biljun għall-formaldeid u EUR 447 miljun għall-kadmju.

Madankollu, fil-każ tal-formaldeid, l-għadd ta' kumpaniji huwa għoli ħafna u fil-każ tal-kadmju se jiġu affettwati l-aktar il-kumpaniji l-kbar. Għalhekk, l-ispiża għal kull kumpanija f'termini relattivi għaż-żewġ sustanzi hija mistennija li tkun modesta. Il-pakkett tal-alternattivi magħżula mhux se jimponi obbligi ta' informazzjoni addizzjonali jew iwassal għal żieda fil-piżijiet amministrattivi fuq l-intrapriżi u mhuwiex probabbli li jiġġenera spejjeż ambjentali sinifikanti.

Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

Għall-kadmju u l-komposti tal-arseniku, l-SMEs mhumiex irrappreżentati b'mod sinifikanti fl-industriji rilevanti, bil-kontra għall-berillju, il-formaldeid u l-4,4'-Metilen-bis(2-kloroanilina) (MOCA). L-analiżi turi li l-ispejjeż li se jġarrbu l-SMEs huma aċċessibbli għall-kumpaniji kkonċernati. L-aktar spejjeż sinifikanti huma previsti għall-SMEs li jużaw il-formaldeid u l-berillju u b'mod partikolari, għal dawk il-kumpaniji li s'issa għadhom ma għamlux l-investimenti biex jiproteġu lill-ħaddiema permezz ta' sistemi magħluqa jew permezz tas-sostituzzjoni. Madankollu, l-ispejjeż għall-SMEs se jibqgħu aktar baxxi minn 1 % tal-fatturat tagħhom, u mhumiex mistennija għelug jew effetti fuq l-impjiegi bl-OELs proposti. .

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Huwa possibbli li l-awtoritajiet tal-infurzar iġarrbu spejjeż amministrattivi u spejjeż ta' infurzar addizzjonali. Madankollu, mhuwiex mistenni li dawn l-ispejjeż ikunu sinifikanti. Fl-istess ħin, l-istabbiliment tal-OELs fil-livell tal-UE se jiffranka l-ispejjeż għall-iżvilupp ta' OELs fil-livell nazzjonali. L-alternattiva magħżula għandha tikkontribwixxi wkoll biex jitnaqqas it-telf finanzjarju tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri billi tipprevjeni l-mard.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

L-alternattivi magħżula se jkollhom impatt pożittiv fuq il-kompetizzjoni fis-suq intern billi jitnaqqsu d-differenzi kompetittivi bejn l-intrapriżi li joperaw fl-Istati Membri b'OELs nazzjonali differenti. L-alternattivi magħżula ma għandux ikollhom impatt sinifikanti fuq il-kompetittività esterna tal-intrapriżi tal-UE. Fil-maġġoranza tal-każijiet, l-alternattivi magħżula jidhru fl-aktar medda baxxa tal-miżuri ekwivalenti stabbiliti fil-pajjiżi mhux tal-UE – u dan jiġi għerri li dawn il-miżuri jistgħu jinkisbu, jirriflettu l-prattika tajba disponibbli, u huma relattivament ambizzjużi fil-mira tagħhom li jstabbilixxu standards internazzjonalment għoljin ta' protezzjoni tal-ħaddiema. L-impatt fuq id-drittijiet fundamentali huwa pożittiv - b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikolu 2 (Id-dritt għall-ħajja) u l-Artikolu 31 (Id-dritt ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa li jirrispettaw is-saħħa, is-sikurezza u d-dinjità tagħhom).

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

L-effettività tar-reviżjoni proposta tas-CMD se titkejjel fil-qafas tal-evalwazzjoni tal-qafas tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali kif previst fl-Artikolu 17a tad-Direttiva 89/391/KEE.

Huwa possibbli li l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni li jmiss ikopri l-perjodu 2017-2022.

